

31996R0463

15.3.1996

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 65/3

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 463/96
tal-11 ta' Marzu 1996**

li jemenda r-regolament (KEE) nru 3906/89 bil-għan li jestendi l-għajnuna ekonomika lil dik li qabel kienet ir-repubblika jugoslava tal-maċedonja

IL-KUNSILL TA'L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Billi r-Regolament (KEE) Nru No 3906/89 ⁽³⁾ jipprova għall-għajnuna ekonomika sabiex din tappoġġa l-proċess tar-riforma ekonomika u soċjali f'għadd ta' pajjiżi ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant;

Billi l-pajjiżi li jikkwalifikaw għal din l-għajnuna huma elenkati fl-Anness ta' l-istess Regolament;

Billi l-Ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja ġiet rikonoxxuta mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti taħt dak l-isem proviżorju fit-8 t'April 1993;

Billi huwa importanti li tingħata l-għajnuna b'riżq l-istabilità ta' dak il-pajjiż kif ukoll l-appoġġ għal mossi favur ir-riforma ekonomika u aktar demokrazija;

Billi l-Istat il-ġdid għandu għaldaqstant jiġi formalment inkluż fil-lista tal-pajjiżi eliġibbli skond ir-Regolament (KEE) Nru 3906/89,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-pajjiż li ġej qiegħed b'hekk jiżdied fl-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 3906/89: "Dik li Qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Ma'edonja".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara li jkun ġie ppublikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, il-11 ta Marzu 1996.

Għall-Kunsill

Il-President

L. DINI

⁽¹⁾ ĠU C 231, tas-27.8.1993.

⁽²⁾ ĠU C 65, ta' l-4.3.1996.

⁽³⁾ ĠU L 375, tat-23.12.1989, p. 11. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 1366/95 (ĠU L 133, tas-17.6.1995, p. 1).